MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 32/2005

It-Tribunal :

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi dikjarat responsabbli ghall-incident illi gara fil-11 ta' Lulju 2002 bejn il-vettura LDK309 misjuqa minn Bella Claudia Nicolet Cassar, u prorpjeta' tal-attur Mario Spiteri fuq naha u l-vettura EBA 182 proprjeta' ta' Carmel Buttigieg u misjuqa minnek fuq in-naha l-ohra fi Triq Kercem, Victoria, Ghawdex; u konsegwentement tigi kkundanat thallas is-somma ta' mija u amsin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm150.29c) rapprezentanti id-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-istess incident.

Bl-ispejjes gudizzjarji tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju 2004; u tal-ittra ufficjali prezentata konteswalment mal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-kumpanija assikuratrici tieghek; kontra tieghek u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt."

Ra r-risposta ghall-avviz tat-talba li tghid hekk:

“Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut:

Jeccepixxi bil-qima:-

1. Illi in linea preliminari tali kawza hija preskritta u ghalhekk tali talba ma tistax tintlaqa;
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke li kieku kellu jkun deciz minn dan l-Onorabbli Tribunal illi tali talba ma hjiex preskritta, t-talbiet attrici huma nfundati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-incident meritu ta’ din il-kawza sehh unikament tort ta’ sewqan traskurat, nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku minn-naha ta’ l-attur kif ukoll minhabba l-fatt illi l-attur naqas milli zzomm a proper lookout;
3. illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont kif pretiz mill-attrici huwa wiehed esagerat;
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti attur tinsab msejjah.”

Ra l-kontro-talba li tghid hekk:

“Peress illi fl-incident tal-11 ta’ Lulju, 2002, kienet il-vettura LDK 309 illi b’nuqqas ta’zamma ta’ proper lookout, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku kkawzat l-incident.”

Ra r-risposta ghall-kontro-talba li tghid hekk:

“Illi l-pretensjonijiet tal-konvenut huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi prescindendo mill-kwistjoni ta’ responsabbilita’ ghall-incident de quo, kwalunkwe pretensjoni da parti tal-konvenut ghar-rizarciment tad-danni sofferti minnu f’dak l-incident kellhom jigu indirizzati lis-sewwieqa tal-vettura, mhux lil sid il-vettura jew lill-kumpannija assikuratrici. F’dan il-kaz,

is-sewwieq kienet Bella Cassar, illi mhix parti f'din il-kawza, u ghalhekk l-eccipjenti mhumiex il-legittimi kuntradditturi tal-konvenuti u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju – bl-ispejjez kontra l-konvenut.
Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-azzjoni tal-konvenut hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' sentejn fit-termini tal-artikolu 2154 tal-Kodici Civili.
Illi ukoll minghjar pregudizju ghall-premess, it-talbiet tal-konvenut huma infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex ir-responsabbilita' tal-incident de quo kienet unikament tieghu u ta' hadd aktar.
Illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut fir-risposta ghat-talba principali, il-preskrizzjoni fil-konfront tieghu giet interrotta b'ittra ufficjali spedita lilu fit-22 ta' Gunju 2004 u debitament notifikata lilu.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez."

Sema' l-provi

Ikkunsidra

Il-konvenut jecepixxi b'mod generiku l-preskrizzjoni minghajr ma jispecifika a bazi ta' liema disposizzjoni tal-ligi qieghed jaghmel dan.  Skond gurisprudenza kostanti, il-Qrati, u allura anke dan it-Tribunal, m'humiex obbligati jsibu l-preskrizzjoni applikabbli huma, anzi, ghall-kuntrarju, ghandhom jiddesistu milli jaghmlu hekk u ghaldaqstant din l-eccezzjoni qieghdha tigi respinta.

Rikonvenzjonata, is-socjeta attrici tecepixxi li m'hujiex il-legittima kontradittur, in kwantu t-talbiet tal-konvenut kellhom jigu ndirizzati lejn is-sewwieq Bella Cassar li mhix parti in kawza.  Din l-eccezzjoni hija bla dubbju wahda valida li qieghdha tintlaqa' mit-Tribunal  u ghalhekk il-kontro-talba qieghdha tigi respinta.  Ghal din ir-raguni, l-anqas ma hemm ghalfejn li tigi nvestigata l-applikabilita' o meno tal-preskrizzjoni a tenur tal-artiklu 2154 sollevata mill-atturi.

Dwar il-mertu, jirrizulta li l-vetturi kienu mexjin wara xulxin f'Kercem Road, triq arterjali, fl-istess direzzjoni u cioe' minn Victoria lejn Kercem , bil-vettura tal-konvenut quddiem u dik misjuqa minn Bella Cassar warajha. Il-konvenut kellu l-intenzjoni li jidhol fir-rampa dejjqa li taghti ghal gnien ossia *nursery* tal-Gvern fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Cassar ipprovat tissorpassah min-naha tax-xellug tieghu meta sehhet il-habta. Jirrizulta wkoll mill-brake-marks li Cassar ma kinitx qieghdha teccedi l-velocita' konsentita ghal built-up areas.

Ikkontro-ezaminat (ara fol 32 u 33) il-konvenut ammetta dak li qalet Bella Cassar kemm *a tempo vergine* (ara fol 24) kif ukoll lit-Tribunal (fol 38) fis-sens li ghalkemm huwa xeghel l-indicator tax-xellug, huwa l-ewwel dar lejn il-lemin sabiex ikun jista' jimmanuvra t-trakk tieghu bi dritt ghal gor-rampa li taghti ghall-gnien li hemm fuq ix-xellug tat-triq.

Hija regola tat-traffiku li wiehed m'ghandu qatt jaqla' karozza ohra qabel ma jkun cert li jista' jaghmel dan minghajr periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq (ara para 181 Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq – 2001). Hija wkoll regola li wiehed ghandu jaqla' min-naha tal-lemin izda din ir-regola ma tapplikax, inter alia, meta min ikun isuq il-vettura ta' quddiem jaghmel sinjal li jkun sejjer idur lejn il-lemin (para 182 Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq). Daqstant iehor hija regola prudenzjali li min ikun sejjer ibiddel id-direzzjoni jrid jaghmel sinjali cari hafna qabel, u li jkun zgur li s-sinjali tieghu ma jhawwdux lill-utenti ohrajn tat-triq (para 193, Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq). Fi kliem l-imhallef Streatfield, *The duty of a driver changing direction is (1) to signal, and (2) to see that no one was incommoded by his change of direction and the duty is greater if he first gives a wrong signal and then changes it (***Pratt v Bloom (1958 – Times 21 October, Div. Ct –** ikkwotata fil-Bingham and Berryman's Motor Claims Cases, 11th Edition, Butterworths, 2000, pagna 359). Hekk ukoll, f' **Another v Probert (1968) Crim. LR 564, Div Ct** l-imputat kien qieghed isuq fi triq ewlenija bil-*left turn indicator* ipetpet. Vettura tal-pulizija fi triq laterali harget fit-triq ewlenija a bazi tas-sinjal tal-indicator. L-

imputat minflok kiser lejn ix-xellug baqa' sejjer dritt u sehhet il-habta. Huwa ddefenda lilu nnifsu billi qal li l-vettura tal-pulizija ma jmesshiex qaghdet fuq is-sinjal tal-indicator tieghu. Gie decis, fuq appell mill-prosekuzzjoni, li *it was careless driving to give misleading signals: the justices must convinct* (ara Bingham and Berryman's Motor Claims Cases, 11th Edition, Butterworths, 2000, pagna 359).

Kien proprju kawza tas-sinjali konfuzjonarji li ta' l-konvenut li Cassar ittentat taghmel il-manuvra ta' surpass, ghax meta rat il-vettura tal-konvenut iddur lejn il-lemin filwaqt li kien mixghul l-indicator tax-xellug assumiet li dan kien xeghel l-*indicator* hazin, u ghalhekk dawn is-sinjali kienu l-kawza prossima tal-incident.

Il-*quantum* tad-danni gie sodisfacentement ippruvat u fil-fatt l-anqas gie kkontestat waqt is-smiegh tal-kawza minkejja li l-konvenut stqarr fir-risposta tieghu li kien esagerat.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-incident sehh unikament tort tas-sewqan negligenti tal-konvenut u ghaldaqstant jikkundannah ihallas lis-socjeta' assikuratrici attrici s-somma ta' LM150.29c danni subiti mill-assikurat taghha u minnha assunti permezz tas-surroga msemmija fl-avviz tat-talba bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju 2004 u dik ipprezentata kontestwalment mal-avviz tat-talba. Billi l-valur tat-talba ma jeccedix il-LM250, kull parti thallas lill-avukat taghha (Art. 10(2) Kap 380).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------